MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 2066/2003

**Charles Grech**

**Vs**

**Christopher Drago ezercenti l-kummerc**
**bl-isem 'Airvision Home Centre'**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) rapprezentanti l-valur ta' video camera li l-attur xtara minghand il-konvenut, liema video camera qatt ma hadmet u l-konvenut naqas li jirrimedja ghal din is-sitwazzjoni nonostante d-diversi nterpellanzi u tentattivi min-naha tal-attur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Norma Vella li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------